**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 17 ta' April 2001.

Pulizija
Spettur Emanuel Camilleri

Vs

Joseph Hili

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba kontra Joseph Hili, data tat-twelid 29 ta' Awissu 1949, bin Carmelo u Adelina nee' Attard imwieled l-Isla u joqghod Wanzan am Valperga Street, Fgura karta tal-identita' numru 659349M;

Talli fit-3 ta' Frar 1999, u fis-sentejn ta' qabel fil-fond E.L.M. Store, Triq il-Qronfol, Fgura bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) Ikkommetta serq ta' kurrenti tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn mitt lira maltin (LM100) u anqas minn elf lira maltin

(Lm1000) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur;

2) Ghamel hsara jew kiser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Wara li rat l-Artikolu 261(b) u 278 tal-Artikolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara illi l-Qorti rat id-dokumenti ezebiti u semghet ix-xhieda prodotta;

U wara li ezaminat ix-xhieda ta' Silvio Decelis;

Din il-Qorti ma' tistax issib lill-imsemmi Joseph Hili hati ta' kif akkuzat u ghaldaqstant qeghda tilliberah.

MAGISTRAT.